MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru. 531/2007

Il-Pulizija
(Sp Therse Sciberras)
vs
Jean Pierre Gauci, iben Saviour, imwieled Pieta' fl-10 ta' ottubru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta' novembru, 2006 għal ħabta tat-3.45 a.m., fi Triq il-Marfa, Mellieħa saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAC 792
1. b'manjiera traskurata;
2. perikoluża;
3. b'ġiri aktar milli jmissu;
4. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Matthew Caruana, skond kif iċċertifika Dr. Michael Spiteri MD ta' l-Isptar San Luqa;

5. involontarjament ikkaġuna ħsara fuq arblu tad-dawl għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' jannar, 2008 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara lill-Korporazzjoni Enemalta tħallset.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat ix-xhieda ta' Matthew Caruana fejn informa l-Qorti li dak li ġara kien inċident, ħafer lill-imputat u ma jrid xejn minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' frar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 226(1)(b) u 328(ċ)(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u is-sezzjoni 127 tal-M.V.R. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għas-sospensjoni ta' ebda liċenzja tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------